# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar

## IT-TMINN LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 511**

**Il-Ħamis 4 ta' Lulju, 2019**

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq iċ-Ċawsli, Ħaż-Żabbar, fis-6.20 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Jorge Grech - Kunsillier
Bernice Farrugia - Kunsilliera
Mark Grech – Kunsillier
Joseph Buttigieg - Kunsillier
Ghislaine Bongailas – Kunsilliera
Angelo Scicluna - Kunsillier
Joseph Vella – Kunsillier
Angel Gwyn Louiselle Camilleri – Kunsilliera
Anna Calleja – Kunsilliera
Joseph Agius – Kunsillier
Patrick Barbara – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI**

Ħadd ma kien assenti

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Stephanie Testaferrata de Noto – Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sur Mark Grech ippresieda l-laqgħa.

**511.1 Qari tal-ittri ta’ apoloġiji**

511.1.1Ma kienx hemm ittri ta’ apoloġiji.

**511.2 Aċċettazzjoni tal-kariga ta’ Sindku**

511.2.1 Is-Sur Mark Grech staqsa lis-Sur Jorge Grech jekk jaċċettax il-kariga ta’ Sindku bħala l-Kunsillier elett li fl-aħħar elezzjoni lokali kiseb l-għola għadd ta’ voti mal-ewwel għadd minn fost il-kandidati tal-partit politiku li kiseb il-maġġoranza assoluta ta’ Kunsillieri. Is-Sur Jorge Grech aċċetta li jokkupa l-kariga ta’ Sindku tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar u ffirma l-ittra ta’ aċċettazzjoni tal-kariga. Is-Sur Jorge Grech awgura lil dan il-Kunsill u rringrazzja lil kull min wera fiduċja fih fl-elezzjoni lokali. Is-Sur Jorge Grech appella biex il-Kunsillieri jibqgħu jaħdmu fl-aħjar interess tar-residenti u tal-lokalità.

**511.3 Aċċettazzjoni tal-kariga ta’ Viċi Sindku**

511.3.1 Is-Sur Jorge Grech, li kompla jippresiedi l-laqgħa, talab lis-Sinjorina Bernice Farrugia, li kisbet, wara s-Sur Sur Jorge Grech, l-għola għadd ta’ voti fl-aħħar elezzjoni lokali minn fost il-kandidati tal-partit politiku li kiseb il-maġġoranza assoluta ta’ Kunsillieri għal-lokalità ta’ Ħaż-Żabbar, tiddikjara jekk hix lesta li taċċetta l-kariga ta’ Viċi Sindku.

511.3.2 Is-Sinjorina Bernice Farrugia aċċettat li tokkupa l-kariga ta’ Viċi Sindku u ffirmat l-ittra ta’ aċċettazzjoni tal-kariga. Is-Sinjorina Bernice Farrugia ukoll irringrazzjat lil kull min taha l-appoġġ tiegħu fl-elezzjoni u qalet illi hija kienet lesta li taħdem għall-ġid taż-Żabbarin.

**511.4 Aġġornament**

511.4.1 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn, 22 ta’ Lulju, 2019 fis-6.00 ta’ filgħaxija.

511.4.2 Il-laqgħa spiċċat fis-6.24 ta’ filgħaxija.

IFFIRMATA

Stephanie Testaferrata de Noto
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fil-513 laqgħa li saret nhar it-Tnejn 22 ta' Lulju, 2019.

IFFIRMATA

Jorge Grech
Sindku